

45. Jappella sabiex il-programmi tal-edukazzjoni għall-adulti u tat-tagħlim tul il-ħajja, jikkunsidra b'mod partikolari dawk il-gruppi ta' nies li huma l-aktar żvantaġġati fis-suq tax-xogħol, partikolarment iż-żgħażaġh, in-nisa, speċjalment dawk li jinsabu f'sitwazzjonijiet rurali, u l-anzjani;
46. Jappella sabiex ikun ikkonsidrat il-fatt li t-taħriġ fil-kapaċitajiet ta' ġenituri għan-nisa u għall-irġiel huwa kruċjali għall-benesseri tan-nies, għall-ġlieda kontra l-faqar u għall-koeżjoni soċjali; f'dan l-isfond, jixtieq li l-programmi tat-tagħlim tul il-ħajja bi skop multiplu u t-taħriġ tat-trejners fil-kapaċitajiet ta' ġenituri jiġu stabbiliti fil-qafas għall-edukazzjoni u t-tagħlim;
47. Jenfasizza li l-għarfien u l-kwalifiki miksuba permezz tat-tagħlim tul il-ħajja għandhom ikunu ħafna usa' u rikonossuti b'mod faċli, u li għal dan il-għan l-implimentazzjoni tal-Qafas Ewropew għall-Kwalifiki u tal-Europass msemmija hawn fuq bħala strumenti għall-promozzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja għandha titjeb ukoll;
48. Jikkunsidra li għandhom ikunu provduti iktar fondi għall-miżuri biex tkun promossa l-mobilità kemm mill-awtoritajiet Ewropej kif ukoll mill-awtoritajiet nazzjonali fl-istadji kollha tat-tagħlim tul il-ħajja;
49. Jitlob li l-vantaġġi tal-Karta Ewropea ta' Kwalità favur il-Mobbiltà msemmija hawn fuq jiġu rikonossuti u sfruttati u li dawn jitpoġġew fil-prattika mill-Istati Membri, u jitlob lill-Kummissjoni biex twettaq revizzjoni tal-implimentazzjoni fl-Istati Membri;
50. Jinsisti li, kemm jista' jkun possibbli, għandu jkun garantit ammont kbir ta' servizzi soċjali u ta' faċilitajiet ta' appoġġ (pereżempju servizzi għall-kura tat-tfal) għall-istudenti u l-ħaddiema bil-familji;
51. Jemmen li servizzi volontarji għandhom ikunu integrati u rikonossuti fl-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma Edukazzjoni u Taħriġ 2010;
52. Jinsab konvint li għandhom jissaħħu l-iskambji ta' opinjonijiet u tagħlim reċiproku fost gruppi ta' etajiet differenti;
53. Jenfasizza li programmi ta' tagħlim tul il-ħajja għandhom jappoġġjaw l-imprenditorija, li tippermetti liċ-ċittadini jistabbilixxu SMEs u li jilħqu l-bżonnijiet kemm tas-soċjetà u tal-ekonomija;
54. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li għandhom ikunu introdotti servizzi ta' gwida u informazzjoni dwar tagħlim tul il-ħajja għal studenti ta' kull età sabiex ikunu appoġġjati l-oġġettivi msemmija iktar 'il fuq;
- *
- * *
55. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

L-approċċ tal-Kunsill għar-reviżjoni tar-Regolament tal-OLAF

P6_TA(2008)0632

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-approċċ tal-Kunsill għar-reviżjoni tar-Regolament tal-OLAF

(2010/C 45 E/07)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali dwar leġiżlazzjoni aħjar ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 dwar l-investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (COM(2006)0244) u l-pożizzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2008 ⁽²⁾ dwar dik il-proposta,

⁽¹⁾ ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

⁽²⁾ Testi Adottati, P6_TA(2008)0553.

Il-Ħamis, 18 ta' Diċembru 2008

- wara li kkunsidra l-Mistoqsija Orali tiegħu lill-Kunsill dwar l-approċċ tal-Kunsill għar-reviżjoni tar-Regolament tal-OLAF (O-0116/2008),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura,
- A. billi, għaxar snin wara li ġie stabbilit bħala uffiċċju li jiffunzjona biex iħares l-interessi finanzjarji tal-Komunita fl-1999, l-OLAF kiseb esperjenza siewja fil-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni,
- B. billi l-qafas regolatorju tal-OLAF għandu jittejjeb fuq il-bażi tal-esperjenza fl-operat miksuba minnu,
- C. billi ż-żewġ fergħat tal-awtorita leġiżlattiva tal-UE għandhom jikkoperaw mill-qrib skont il-proċedura tal-kodeċizzjoni sabiex il-qafas regolatorju jiġi adattat għall-ħtiġijiet attwali fil-ġlieda kontra l-frodi,
- D. billi kkonkluda l-ewwel qari dwar l-emenda tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 (Ir-Regolament tal-OLAF) b'maġġoranza kbira fl-20 ta' Novembru 2008,
1. Iqis li hemm ħtieġa urġenti li l-qafas regolatorju tal-OLAF jiġi kjarifikat sabiex tkompli titjeb l-effiċjenza fl-istħariġ kontra l-frodi u sabiex tiġi garantita l-indipendenza neċessarja tal-OLAF, filwaqt li jitqiesu l-esperjenzi miksuba minn meta twaqqaf l-OLAF biex jieħu post l-UCLAF fl-1999;
 2. Ifakkar lill-Kunsill li l-pożizzjoni msemmija hawn fuq tal-Parlament tal-20 ta' Novembru 2008 se twassal għal titjeb konsiderevoli fl-effiċjenza u l-kwalita tal-istħariġ tal-OLAF permezz tat-tisħiħ tal-garanziji proċedurali, l-irwol tal-Kumitat ta' Sorveljanza, il-preżunzjoni tal-innoċenza, id-drittijiet tad-difiża ta' dawk li jkunu qegħdin jiġu mistħariga u d-drittijiet ta' dawk li jgħaddu xi informazzjoni, l-adozzjoni ta' regoli tal-istħariġ li jkunu ċari u trasparenti, u t-titjeb tal-koperazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti nazzjonali u mal-istituzzjonijiet tal-UE;
 3. Iħeġġeġ lill-Presidenzi Franċiżi u Ċeki biex iressqu kalendarju għan-negożjati mal-Parlament imsejjes fuq ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999, sabiex jiġi kkonfermat li qegħdin jagħmlu l-isforzi kollha possibbli biex tinkiseb l-adozzjoni fil-pront ta' pożizzjoni komuni mill-Kunsill u biex jiġi evitat li jkun hemm iktar dewmien mingħajr raġu ni;
 4. Iqis li l-pożizzjoni tal-Kunsill għall-konsolidament sempliċi tat-tliet bażijiet legali eżistenti tal-istħariġ tal-OLAF mhuwiex argument validu sabiex in-negożjati dwar ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 ma jiftħux minnufih, billi l-konsolidament sempliċi ma jtejjibx il-qafas legali tal-istħariġ tal-OLAF kontra l-frodi u għalhekk dan ikun telf ta' żmien konsiderevoli fl-isforzi biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi; jagħżel għalhekk li ssir riformulazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE kontra l-frodi, fosthom tar-Regolamenti (KE) Nri 1073/1999, (Euratom, EC) 2185/96 u (KE, Euratom) 2988/95, li għandhom ikunu bbażati fuq ir-Regolament rivedut (KE) Nru 1073/1999;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-kumitati rilevanti tal-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, kif ukoll lill-entitajiet ta' verifika nazzjonali tal-Istati Membri.